

## DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 28/2009

tas-17 ta' Marzu 2009

**li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 100/2008 tas-26 ta' Settembru 2008 (¹).
- (2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/15/KE tal-15 ta' Frar 2008 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi l-clothianidin bħala sustanza attiva fl-Anness I għaliha (²) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/16/KE tal-15 ta' Frar 2008 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi l-etofenprox bħala sustanza attiva fl-Anness I tagħha (³) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

### Artikolu 1

L-inċiż li jmiss għandu jiż-died mal-punt 12n (id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim:

- “— **32008 L 0015:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/15/KE tal-15 ta' Frar 2008 (ĠU L 42, 16.2.2008, p. 45),
- **32008 L 0016:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/16/KE tal-15 ta' Frar 2008 (ĠU L 42, 16.2.2008, p. 48).”

### Artikolu 2

It-testi tad-Direttivi 2008/15/KE u 2008/16/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li se jiġu pubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħħ nhar it-18 ta' Marzu 2009, sakemm ikunu saru n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

### Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

(¹) ĠU L 309, 20.11.2008, p. 22.

(²) ĠU L 42, 16.2.2008, p. 45.

(³) ĠU L 42, 16.2.2008, p. 48.

(\*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.